L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI SUPPLIMENTARI 2024**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 2 ta' Settembru 2024 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sal-10:50 a.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA** tal-karta. Ikteb b'Malti tajjeb u idjomatiku.

## L-EWWEL TAQSIMA:

## IL-KOMPONIMENT

**Ikteb madwar 350 kelma fuq WIEĦED minn dawn is-suġġetti:**

1. L-importanza tal-ilma għall-pjaneta u l-bniedem. Iddiskuti.

2. Irrakkonta storja ta' tfulitek li seħħet tassew.

3. Il-kuntentizza f'ħajjitna.

4. Fiċ-ċentru tal-ħwienet favorit tiegħi. Iddeskrivi.

**(Total: 25 marka)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## IT-TIENI TAQSIMA:

## A. FEHIM IT-TEST

**Aqra s-silta li ġejja u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA ta' wara.**

### Il-Mixja ta' Tfulitek

Il-mixi, bħall-ħobż, huwa universali. In-nies kullimkien jimxu: f'ċerti postijiet jimxu aktar minn oħrajn; f'ċerti żminijiet aktar minn fi żminijiet oħra. Iżda l-mixi huwa attività tal-bniedem li ssir kullimkien. Mhux talli hekk, talli anki f'dawk l-inħawi fejn hemm mezzi u servizzi ta' trasport effiċjenti ħafna, il-mixi jibqa' jsir, bejn b'neċessità u bejn b'għażla.

L-antenati tagħna waqfu fuq żewġ saqajn u bdew jimxu fuqhom madwar sitt miljun sena ilu. L-istorja tal-mixi tmur lura għal daqstant snin. Kellu jimxi l-bniedem, biex isib l-ikel u s-sostenn tiegħu, biex jistkenn, fuq kollox biex jaqta' l-kurżitajiet kbar tiegħu u biex jiskopri. U ntebaħ mill-ewwel bl-importanza ta' din l-attività, tant li beda jużaha mhux biss għall-ħtieġa prattika ta' tiftix għall-bżonnijiet l-aktar bażiċi, imma anki għal raġunijiet estetiċi u kulturali, u reliġjużi wkoll.

L-importanza tal-mixja tintwera wkoll meta wieħed jifhem kemm nieħdu l-attività bis-serjetà. Dakinhar li tarbija tibda timxi l-ġenituri jieħdu r-ruħ u, aktar minn hekk, jifirħu. Dik tkun tappa importanti fl-istorja tal-iżvilupp ta' bniedem. Dan juri li t-tarbija qiegħda tiżviluppa kif suppost, imma anke għax il-mixi huwa attività importanti għalina. Mhux għall-ġenituri biss huwa mument importanti, imma ħafna aktar għat-tarbija. Mhux ta' b'xejn li t-tfal jitbissmu, anzi jidħqu, meta jibdew jimxu mingħajr l-għajnuna ta' xi ħadd kbir. Il-mixja tfisser libertà, l-ewwel eżempju ta' meta wild iħossu indipendenti mill-ġenituri tiegħu, u anke meta wild jista' jieħu deċiżjoni waħdu; 'il fejn se jimxi u meta.

Minn dak il-mument, aktarx, tibda l-ġlieda għal-libertà, iżda din il-libertà għandha rivali: il-bżonn tant ieħor importanti tas-sigurtà. Hemm tifla li bdiet miexja waħidha. Timxi kull fejn jgħidilha moħħha. Kull darba li missierha jipprova jżommilha idha tagħmel xenata biex jitlaqhielha. Għax issa hija libera li timxi waħidha. Imma r-riġlejn u s-saqajn għadhom torja, għadhom ma drawx jagħtu l-passi fuq l-iebes u allura, wara ftit passi, din it-tarbija taqa' u tweġġa' u tibki. Hemmhekk taċċetta l-għajnuna tal-missier. Imma mhux se ddum. Malli l-weġgħa tgħaddi, it-tifla tqum u terġa' timxi, bl-iskossi, u terġa' tirrifjuta l-għajnuna tal-kbar.

Dakinhar li tarbija tagħti l-ewwel passi waħidha, mingħajr l-għajnuna tal-kbar u mingħajr ma żżomm mal-ħajt jew mal-għamara, l-omm iċċempel lil ommha biex tgħidilha li t-tifla "telqet timxi". Telqet. Ma naħsibx li l-verb "telqet" huwa użat b'mod innoċenti hawn. Naħseb li l-espressjoni "telqet timxi" tikxef diversi ħwejjeġ. L-ewwel nett, anki jekk għall-ġenituri din hija tappa importanti fl-iżvilupp ta' binthom, minn hawn jibdew jindunaw li t-tarbija tagħhom mhijiex tagħhom. Minn issa 'l quddiem se jkun hemm dan il-proċess li bih it-tarbija tikber u titbiegħed dejjem ftit aktar minn niesha.

Sfortunatament dan il-mument hekk kruċjali f'ħajjitna ma niftakruhx. Imma żgur li għadna niftakru l-mixja lejn l-iskola, lejn il-pjazza, lejn il-vann tal-iskola. Jew il-mixja mal-ewwel maħbub jew maħbuba, lejn toroq imwarrba jew maġenb il-baħar. Hemm dawn il-mixjiet li l-memorja tagħhom tibqa' stampata tant ċara f'moħħna.

*(Addattament ta' artiklu ta' Immanuel Mifsud fl-Illum tal-5 ta' Marzu 2017)*

**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq dak li għadek kif qrajt:**

1. Skont l-artiklu, l-antenati tagħna meta bdew jimxu fuq saqajhom? (2)
2. Skont is-silta, semmi **ŻEWĠ** raġunijiet għala l-bniedem dejjem ħass il-ħtieġa li jimxi. (2)
3. Xi jfisser għall-ġenituri meta tarbija tibda timxi? (2)
4. X'inhuma ż-**ŻEWĠ** affarijiet li jagħti l-mixi lill-bniedem? (2)
5. Skont l-awtur liema hija dik il-mixja li ma niftakrux? (2)
6. Fil-fehma tiegħek u minn dak li qrajt, xi jfisser għalik il-mixi? (2)

**B. GĦARFIEN IL-LINGWA**

7. Agħti kelma jew frażi oħra għal kull kelma li hija **bold** skont is-silta ta' hawn taħt:

L-antenati tagħna waqfu fuq żewġ saqajn u bdew jimxu fuqhom madwar sitt miljun sena ilu. L-istorja tal-mixi tmur lura għal daqstant snin. Kellu jimxi l-bniedem, biex isib l-ikel u s-sostenn tiegħu, biex jistkenn, fuq kollox biex jaqta' l-kurżitajiet kbar tiegħu u biex jiskopri. U **ntebaħ** mill-ewwel bl-importanza ta' din l-attività, tant li beda jużaha mhux biss għall-ħtieġa prattika ta' tiftix għall-**bżonnijiet** l-aktar **bażiċi**, imma anki għal **raġunijiet** estetiċi u kulturali, u reliġjużi wkoll. (2 paragrafu) (4)

8. Sib kelma jew frażi minn paragrafu 4 li għandha din it-tifsira:
   a. awtonomija;
   b. għadu;
   ċ. bla saħħa;
   d. tiċħad. (4)

9. Liema hija l-espressjoni minn paragrafu 1 li turi li kulħadd juża l-mixi? (2)

**(Total: 22 marka)**

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**IT-TIELET TAQSIMA:**

**IL-GRAMMATIKA**

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA:**

B'aktar minn 250 kilometru ta' kosta relattivament inabitata u pajsaġġ intern mill-isbaħ tipiku Mediterranju, Malta hija garanzija ta' esperjenza mill-aqwa għal dawk li jħobbu l-mixi. Ma' dawn nistgħu nżidu t-temp sabiħ li jagħmel tul is-sena kollha u l-opportunità mill-aqwa biex tosserva għasafar migratorji, li tabilħaqq huma l-ingredjenti li jkomplu jħawru l-btala tal-mixi tiegħek f'waħda mill-aqwa. Il-mixjiet mal-kosta jipprovdu lil dawk li jmorru jimxu veduti spettakolari u estensivi tal-baħar. Network stabbilit sewwa ta' passaġġi, mogħdijiet u triqat dojoq fil-kampanja jelimina l-periklu li tintilef mingħajr ma tiddistratta ruħek mill-avventura. Jekk trid tgawdi n-natura Maltija fl-aqwa tagħha għandek timxi tul il-kosta tal-Punent, li minn Ħad-Dingli, fil-Lbiċ, twasslek saċ-Ċirkewwa, fil-Majjistral. Dawk li huma aktar maqtugħa għall-mixi u bi stamina tajba kapaċi jagħmlu dik id-distanza f'ġurnata jew tnejn, iżda idealment il-mixja tinqasam fuq erbat ijiem jew ħamsa, sabiex b'hekk wieħed ikun jista' jesplora l-inħawi f'aktar dettall.

*(Addattament minn tagħrif fuq is-sit www.airmalta.com)*

1. Ikteb in-numru **250** kilometru fi kliem. (1)
2. Mis-silta sib u ikteb nom verbali. (1)
3. Mis-silta sib u ikteb aġġettiv mir-Rumanz. (1)
4. Agħti l-għerq ta' **twasslek**. (1)
5. Agħti l-plural ta' **btala**. (1)
6. Agħti z-zokk morfemiku ta' **garanzija**. (1)
7. Oħroġ aġġettiv minn **avventura**. (1)
8. Mis-silta sib u ikteb parteċipju passiv ta' nisel Semitiku. (1)
9. Mis-silta sib u ikteb avverbju mir-Rumanz. (1)
10. Ta' liema forma hu l-verb **tinqasam**? (1)
11. Mis-silta sib u ikteb nom proprju. (1)
12. Mis-silta sib u ikteb nom mimmat. (1)
13. Ikkonjuga l-verb **jagħmlu** fit-tieni persuna plural fil-perfett. (1)
14. Oħroġ nom minn **jesplora**. (1)

**(Total: 14-il marka)**

**IR-RABA' TAQSIMA:**

**IR-RAPPORT**

**Ikteb madwar 80 kelma fuq WIEĦED mis-suġġetti li ġejjin. Agħti titlu lir-rapport. Jekk se tuża ismijiet ara li jkunu fittizji.**

1. Inzertajt kont f'post fil-kampanja ffrekwentat ħafna mill-familji Maltin meta ntlemaħ annimal eżotiku maħrub li jista' jkun perikoluż. Ikteb rapport bid-dettalji kollha sabiex tgħaddih lill-pulizija.

**JEW**

2. Nar kbir ħakem teatru prominenti f'pajjiżna. Inti ntlabt mill-gazzetta li taħdem magħha, sabiex tirrapporta dak kollu li ġara. Ikteb dan ir-rapport.

**(Total: 12-il marka)**

**IL-ĦAMES TAQSIMA:**

**L-ITTRA**

**Ikteb madwar 80 kelma fuq WIEĦED minn dawn is-suġġetti. Uża l-ismijiet u l-indirizzi mogħtija.**

1. Dalwaqt se jsiru l-awdizzjonijiet sabiex jintgħażlu kantanti u mużiċisti li jixtiequ jieħdu sehem fi programm televiżiv. Ikteb ittra lid-Direttur tal-programm sabiex turih bl-interess u l-kapaċitajiet tiegħek.
   Ismek: Brian/Ariana Zammit
   L-indirizz tiegħek: 12, Triq il-Mużika, l-Iklin, IKL 1010.
   L-indirizz tal-Uffiċċju tad-Direttur: 1, Triq John Lopez, il-Furjana, FRN1400.

**JEW**

2. Għadek kif wasalt minn safra twila u meta mort tiġbor il-bagalja, tinduna li tiegħek ma waslitx. Wara li tkellimt mal-impjegati, tawk il-parir biex tikteb email lill-kumpanija tal-ajru sabiex tagħti d-dettalji neċessarji u titlobhom direzzjoni ta' kif se tipproċedi. Agħmel dan skont id-dettalji t'hawn taħt.

   Ismek: Josette/John Galea
   L-indirizz elettroniku tiegħek: jgalea@stud.com
   L-indirizz elettroniku tal-kumpanija tal-ajru: kumpajru@safar.com

Lil:
Mingħand:
Data:
Suġġett:

.....................................................................................................................

.....................................................................................................................

.....................................................................................................................

**(Total: 12-il marka)**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI SUPPLIMENTARI 2024**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | IIB |
| DATA: | 2 ta' Settembru 2024 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-6:05 p.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA** tal-karta. Ikteb b'Malti tajjeb u idjomatiku.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**L-EWWEL TAQSIMA: IR-REFERENZA GĦALL-KUNTEST – IL-POEŻIJA**

**Agħżel silta WAĦDA (A JEW B).**

**A. Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *B'Idejna* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***B'Idejna,*** Adrian Grima

Waqt l-innu nazzjonali
ma nkunx naf x'se naqbad nagħmel b'idejja.
Huma jaħasra jistennew mumenti bħal dawn bil-ħerqa,
għax niftakar fihom kif inhuma,
mhux bħala strumenti f'idejja.

L-innu tagħna, niskopri kull darba,
jindaqq biex ifakkarni li jien dak li jien,
li nilbes dil-ġilda lewn ix-xemx
u dan il-moħħ lewn ix-xagħri.
Meta nħares lejn l-oħrajn
nintebaħ x'għandi nagħmel
u ġieli nitfa' jdejja wara dahri.

Inħossni qisni spalliera
li waħedha baqgħet tistenna li titgħatta;
fidil f'salib it-toroq jitħabat ma' stering tal-karozza
li ma tridx tistartja;
poplu qed jistenna wara l-bieb ta' uffiċjal pubbliku
biex isir nazzjon, mingħajr ma jemmen fil-kredenzjali tiegħu stess,
jew l-utilità.

Darb'oħra forsi npoġġihom quddiem għajnejja
U nsodd widnejja f'salt.

**Wieġeb:**

1. X'effett irid joħloq il-poeta bl-aħħar tliet versi tat-tieni strofa: "Meta nħares lejn l-oħrajn / nintebaħ x'għandi nagħmel / u ġieli nitfa' jdejja wara dahri"? (4)
2. X'inhi l-figura tat-taħdit li nsibu fil-frażi: "dan il-moħħ lewn ix-xagħri"? Fissirha, u ikteb x'effett joħloq biha. (4)
3. Mill-poeżija, sib similitudni, iktibha, u fisser l-effett li l-poeta jrid joħloq biha. (4)
4. Il-poeta kontra min qed jipprotesta f'din il-poeżija? Ikkwota **ŻEWĠ** frażijiet li juru din il-protesta, u fissirhom. (4)
5. X'effett joħloq il-poeta meta fit-tielet strofa jikteb: "jistenna wara l-bieb ta' uffiċjal pubbliku .... mingħajr ma jemmen fil-kredenzjali tiegħu stess"? (4)

**(Total: 20 marka)**

**JEW**

**B. Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Katrin tal-Imdina* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Katrin tal-Imdina,*** Dwardu Cachia

Hemm erba' qaddejja
Bilwieqfa fil-bieb
Biex jilqgħu l-ħaddara
Il-qraba u l-ħbieb;
Il-ħakem imżejjen
Bi lbiesu s-sabiħ
Kien hieni bilqiegħda
Imdawwar b'kull ġieħ.

Katrina l-għarusa
Bħal warda Maltija
Maġenbu misjuba
Ferħana u mistħija.
U ħdejha mdannitha
U r-raħeb Bennard
Il-barka xtaqulhom
Mis-sema sal-art.

In-nies ta' madwarhom
Għall-ġilwa mħejjija
Bis-sdieri, u x-xwabel,
Imgħammra u miksija,
Weqfin, ser jitilqu,
Iberrħu l-bibien ...
Ferħ ġewwa, ferħ barra,
Tifriġ kullimkien.

**Wieġeb:**

1. X'inhi l-atmosfera li qed joħloq il-poeta f'din is-silta tal-poeżija? Islet **TLIET** referenzi biex issaħħaħ dak li ktibt. (4)
2. Ikteb dwar il-vers li jħaddem il-poeta, u dwar ir-ritmu li joħloq permezz ta' dan il-vers. (5)
3. Mit-tieni strofa ta' din is-silta, sib eżempju ta' similitudni. Fisser l-effett li joħloq biha l-poeta. (3)
4. Ikteb **TLIET** eżempji ta' vokabularju arkajku (antik) li nsibu f'din is-silta. Għalfejn taħseb li l-poeta jużа dan it-tip ta' vokabularju? (5)
5. X'ton juża l-poeta? Għaliex taħseb li qed juża dan it-ton? (3)

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**IT-TIENI TAQSIMA: IR-REFERENZA GĦALL-KUNTEST – IL-PROŻA**

**Agħżel silta WAĦDA (A JEW B).**

**A. Aqra sewwa din is-silta mill-proża *Bl-Irħis* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Bl-Irħis,*** Vincent Vella

Malli Fajsal waqaf jimpala r-ramel għal ġol-karretta, is-Senegaliż li kien imissu jaħdem miegħu dakinhar daħal jiġri biha għal ġol-blokk tal-appartamenti.

Fajsal straħ fuq il-pala u ta daqqa t'għajn madwaru. Ma kienu qed jogħġbuh xejn kif kienu sejrin l-affarijiet. F'temp ta' ġimgħa, mit-tmienja tas-soltu, il-gaj tal-ħaddiema kien tela' għal mill-anqas għoxrin. Kien hemm Kurdi, Tuneżini, Senegaliżi, u xi tliet Eġizzjani bħalu: kollha kemm huma immigranti illegali, lesti jagħmlu dak kollu li jiġi għal idejhom imbasta jwarrbu biżżejjed flus biex ikollhom biex jaqsmu bejn Malta u Sqallija.

L-għoxrin appartament fil-blokk fejn kienu qed jaħdmu kienu waslu fl-aħħar. Kulma kien fadal kien it-tqegħid tal-madum u l-kmamar tal-banju. Bħalissa kienu għaddejjin bla nifs inaddfu l-kmamar tal-banju qabel jifirxu t-torba u jdaħħlu r-ramel u l-madum għal-lest. Malli jlestu Fajsal kien ikollu jfittex biċċa xogħol oħra.

Kien kollox ta' qsim id-dahar. Għall-anqas, kull meta kien jidħol fil-blokk, ir-raġel tal-karretta kien jaqta' xi ftit mis-sħana qalila tax-xemx sajfija. Fajsal mesaħ l-għaraq u r-ramel minn bejn subgħajh. Kien jaħdem ħafi, b'riġlejh midfunin fir-ramel abjad.

Minn fejn kien qiegħed seta' jisma' l-imgħallem jiċċaċċra max-xufiera tat-trakkijiet. Fajsal aktar għokritu għajnu. Fit-tliet xhur li kien ilu jafu, kull meta kien jasal il-Ġimgħa waranofsinhar u jibda riesaq il-ħin biex iħallashom, l-imgħallem kien idendel geddum sal-art; donnu li mal-flus tal-pagi kienet toħroġlu ruħu, ħallik li min jaf kemm kienet tiġih aktar bl-għoli li kieku kellu jqabbad ħaddiema Maltin. Għalhekk ma setax jifhem kif dakinhar kien il-Ġimgħa u l-Imgħallem kien qed jidħaq u jiċċaċċra!

Fajsal beda jgħodd fuq subgħajh: tmien ħaddiema għal ġimgħa sħiħa, imbagħad, iġbed ħa, tnax oħra għal tlett ijiem, kienu jagħmlu somma ġmielha. Reġa' xejjer rasu. Ma kienet qed togħġbu xejn – xejn.

**Wieġeb:**

1. Liema problema soċjali tittratta din is-silta ta' proża? Islet **ŻEWĠ** kwotazzjonijiet biex issaħħaħ dak li ktibt. (4)
2. Ikkwota **ERBA'** frażijiet li juru li kien xogħol ta' tbatija. (4)
3. Hemm ċertu element ta' ironija fil-frażi: "b'riġlejh midfunin fir-ramel abjad." Għaliex? (4)
4. Fisser għaliex parti minn din is-silta ta' proża hija deskrittiva u parti oħra riflessiva. (4)
5. X'effett joħloq in-narrarur meta jispiċċa din is-silta bis-sentenza: "Ma kienet qed togħġbu xejn - xejn"? Minn dak li naqraw fil-kumplament tan-novella, taħseb li Fajsal kellu raġun jitħasseb? (4)

**(Total: 20 marka)**

**JEW**

**B. Aqra sewwa din is-silta mill-proża *Aqrali xi Ħaġa Ġdida, Qaltilha* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Aqrali xi Ħaġa Ġdida, Qaltilha***, Clare Azzopardi

Kien ħanut imiss eżatt mad-dar. Ħanut ċkejken ħdejn dar ċkejkna. Ħanut tal-kotba jmiss ma' dar żgħira li fiha kien hemm kantina u stamperija żgħira wkoll. Kienu ilhom biss 10 xhur miżżewġin meta kellhom lil Lina. Iż-żewġ dinjiet ta' Stella u Maurice kienu miġbura kollha f'dawn il-ftit kmamar mifqugħa bil-kotba u l-manuskritti jiġru minn post għal ieħor. Stella kienet wirtet kollox mingħand missierha u żewġha kien tgħallimha malajr is-sengħa. Peress li kienet tifla unika, wara biss ftit żmien, ħadu kollox f'idejhom.

Lina trabbiet minn fuq xkaffa għal oħra. Qalb il-paġni, il-garżelli u l-ittri taċ-ċomb. Sa minn mindu kienet bil-ħarqa, ommha kienet taqralha l-poeżiji tal-poeti li kienu jippublikaw magħhom u missierha kien iżommha f'ħoġru waqt il-laqgħat twal li kien ikollu mal-kittieba. Meta bdiet l-iskola primarja, bdiet titgħallem il-poeżiji bl-amment, u allura ma kinitx l-ewwel darba li l-laqgħat twal ta' missierha kienu jispiċċaw b'xi poeżija minn dawk li Lina tkun tgħallmet.

Imbagħad tfarfret ftit sew u ngħalqet f'dinja ta' kotba bħal skeletru magħluq f'tebut. Kliem mill-inqas, u ħadd ma jazzarda jittawwal. Tfarfret ftit aktar u bdiet tinteressaha mhux biss id-dinja ta' ġol-ktieb imma anki l-kompożizzjoni tagħha. Bla ma ħadd qatt għallimha bdiet tikkomponi l-kotba hi. Eżatt kif dejjem rat lil ommha u lil missierha. Tibnihom ittra ittra. Toħroġ l-ittri taċ-ċomb mill-garżelli tagħhom u tibni l-paġna sentenza sentenza, vers vers, kelma kelma.

Ommha u missierha dejjem xtaquha ssib ġuvni gustuż li jkun jista' jħobbha u jgħinha fix-xogħol tal-pubblikazzjoni, dejjem ħeġġewha biex tieħu lil Ġammarì ta' faċċata għax kien ġuvni skrupluż. Imma dejjem magħluqa f'xi ktieb, b'xagħarha qasir ma' rasha, b'dublett griż u flokk griż jinqafel bil-buttuni griżi skuri fuq quddiem, kien diffiċli għal Ġammarì li jitfa' għajnejh fuqha.

**Wieġeb:**

1. X'effett joħloq in-narratur meta fl-ewwel paragrafu ta' din is-silta jagħmel enfasi fuq il-kelmiet "ċkejkna" u "żgħira"? (4)
2. Min hu jew min hi l-karattru ewlieni ta' din is-silta ta' proża? Ikteb **TLIET** raġunijiet għaliex għamilt l-għażla li għamilt. (4)
3. X'inhi l-figura tat-taħdit li nsibu fis-sentenza: "Imbagħad tfarfret ftit sew u ngħalqet f'dinja ta' kotba bħal skeletru magħluq f'tebut"? Fisser l-effett li n-narratur joħloq biha. (4)
4. Minn din is-silta, sib u ikteb **ERBA'** kelmiet marbutin mal-istamperija. (4)
5. Semmi **ŻEWĠ** raġunijiet għala, fl-opinjoni tiegħek, ommha u missierha xtaqu li Lina tiżżewweġ. (4)

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**IT-TIELET TAQSIMA: IL-KOMPONIMENT LETTERARJU – *BEJN ĦALTEJN* (BARRA *IL-ĦARSA TA' RUŻANN*)**

**Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma. Tinsiex tirreferi għax-xogħlijiet tal-mistoqsija li tagħżel. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mix-xogħlijiet tal-antoloġija.**

1. Ikteb dwar kif naraw elementi surreali (li ma jitwemmnux) fin-novella *Ittri lil Marta* ta' Joe Friggieri u l-ħrafa *Ix-Xini Jimxi fl-art* ta' Manwel Magri.

**JEW**

2. Kif jittrattaw it-tema tal-ambjent u n-natura Rena Balzan fil-poeżija *Lill-Qamar Kwinta* u Immanuel Mifsud fil-poeżija *Aqta' Fjura u Ibni Kamra*?

**(Total: 30 marka)**

**IR-RABA' TAQSIMA: IL-KOMPONIMENT LETTERARJU – *IL-ĦARSA TA' RUŻANN* TA' FRANCIS EBEJER**

**Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mir-rumanzett.**

1. Tul ir-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Ružann* ta' Francis Ebejer naraw żvilupp fil-qagħda u s-sistema politika ta' Malta. Iddiskuti dan l-argument billi tirreferi għall-ġrajja tar-rumanzett.

**JEW**

2. Għalkemm fil-bidu tar-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Ružann* niltaqgħu mal-familja nobbli de Los Ingallos, Francis Ebejer jibni l-ġrajja fuq in-nies tal-klassi l-baxxa. Għaliex jagħmel dan?

**(Total: 30 marka)**